

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8600/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0053(COD)

CODEC 578
VETER 40
AGRILEG 58
PHARM 74
MI 328

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi regoli tranżizzjonali għall-imballaġġ u t-tikkettar ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati f'konformità mad-Direttiva 2001/82/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-2 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni¹ bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 114 u 168 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2022².
3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fil-5 ta' Mejju 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 6864/22

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

³ 8578/22

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 19/22, bħala punt "A" tal-aġenda f'laqgħa li jmiss.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
